MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1007/2004

**Avukat Dr. Rachel Loporto Montebello bhala prokuratrici specjali tal-imsiefra Judith Weber.**

**-vs-**

**L-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Victor Bugeja b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2005 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Camillo Dingli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Dicembru, 2004 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi permezz ta' kuntratt datat il-15 ta' Settembru, 2004 fl-atti

tan-Nutar Marco Burlo', li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, il-mandanti ta' l-attrici, Judith Weber, xtrat u akkwistat minghand is-socjeta' Kappara Properties Limited, il-proprjeta' ta' sehem indiviz ta' sebgha minn tmienja (7/8) tal-fond 57 u 58, Old Mint Street, Valletta, *tal quale*, kif soggett ghas-servitujiet kollha naxxenti mill-pozizzjoni ta' l-istess fond, minn kull haga ohra liberu u vakanti u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, u dan ghall-prezz ta' tnejn u tletin elf Lira Maltin (Lm32,000);

Illi l-mandanti ta' l-attrici ghamlet ricerki notarili bil-ghan illi tikseb informazzjoni dwar il-komproprjetarju tar-rimanenti sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja (1/8) tal-fond *de quo*, kif ukoll sabiex hija tkun tista' takkwista dan ir-rimanenti sehem;

Illi mill-imsemmija ricerki notarili, jirrizulta illi l-uniku sehem fil-fond *de quo* illi baqa' qatt ma gie trasferit matul is-snin, b'mod illi l-isetess fond baqa' jigi trasferit biss in kwantu ghal sebgha kwoti minn tmienja (7/8), kien jappartjeni lil certu Camillo Dingli, bin Luigi u Carmela nee' Lopez, imwieled u residenti l-Egittu;

Illi jirrizulta wkoll illi l-imsemmi Camillo Dingli kien akkwista l-proprjeta' ta' sehmu fil-fond *de quo*, permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Mejju 1914 fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Illi l-mandanti ta' l-attrici ma tixtieqx tibqa' izjed f'komproprjeta' mal-konvenut fil-fond *de quo*, u effettivament hija tixtieq illi takkwista s-sehem tal-konvenut fl-istess fond;

Illi fl-umili fehma tal-mandanti ta' l-attrici, il-fond *de quo* ma huwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet, kif del resto kkonfermat mill-Perit Frank Giordmaina Medici permezz

ta' certifikat minn rilaxxat datat 10 ta' Dicembru 2004, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. C;

Illi b'danakollu, salv ghall-premess, il-mandanti ta' l-attrici ma ghandha l-ebda taghrif ulterjuri dwar l-imsemmi Camillo Dingli illi fi zmien meta sar il-kuntratt datat 30 ta' mejju 1914, kien jirrisjedi gewwa Suez, l-Egittu, u lanqas dwar jekk huwa ghadux illum il-proprjetarju tas-sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja (1/8) tal-fond *de quo* jew jekk dan is-sehem giex trasferit lil terzi;

Illi ghalhekk, il-mandanti ta' l-attrici ma rnexxilhiex takkwista r-rimanenti sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja (1/8) tal-fond *de quo*.

Illi l-attrici hija l-prokuratrici ta' Judith Weber ai termini ta' prokura specjali datata 10 ta' Dicembru 2004, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. D.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi sabiex jikkonstataw jekk il-fond *de quo* huwiex komodament divizibbli, illi l-fond sitwat gewwa 57 u 58, Old Mint Street, Valletta, ma huwiex komodament divizibbli fil-kwoti ta' sebgha minn tmienja (7/8) favur l-attrici, u ta' wiehed minn tmienja (1/8) lill-konvenut;

2. Tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess fond bejn il-partijiet, fil-proporzjon tal-kompartecipazzjoni rispettiva taghhom fl-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Deputati Kuraturi pprezentata fl-4 ta' April, 2005 li permezz taghha eccepew;

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Deputati Kuraturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed jitolbu li l-Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjetajiet 57 u 58, Old Mint Street, Valletta wara li hija xtrat sebgha ishma minn tmienja (7/8) tal-istess proprjetajiet minghand is-socjeta' Kappara Properties Limited. Il-konvenut huwa proprjetarju tas-sehem l-iehor.

Il-kuraturi mahtura biex jirraprezentaw lill-konvenut assenti ma jidhirx li rnexxielhom jaghmlu kuntatt mieghu u jidher li l-attrici ma ghandhiex ideja fejn jinsab.

Ma hemmx lanqas kontestazzjoni li l-proprjeta' m'hijex komodament divisibbli ghaliex anke mid-deskrizzjoni tal-proprjeta kontenuta fir-rapport tal-perit tekniku, huwa ovvju li ma tistax issiri divizjoni komoda tal-proprjeta'.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjetajiet 57 u 58, Old Mint Street, Valletta u ghall-fini tal-istess bejgh qed tadotta bhala stima dik maghmula mill-perit**

**tekniku Mario Cassar u cioe’ s-somma ta’ erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000); u**

**tordna li mir-rikavat sebgha minn tmienja (7/8) jigu assenjati lis-socjeta’ attrici u wiehed minn tmienja (1/8) lill-konvenut. L-ispejjes jigu sopportati kwantu ghal sebgha minn tmienja (7/8) parti mis-socjeta’ attrici u wiehed minn tmienja (1/8) mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------